32001R1694

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1694/2001
tal-24 t'Awissu 2001
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar it-tariffa u n-nomenklatura ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1230/2001 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sub-diviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni li jiġu applikati t-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

(3) Skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati skond il-kodiċijiet tan-NM indikati fil-kolonna 2, skond ir-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

(4) Huwa xieraq li informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li mhumiex konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jintalbu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 t'Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], kif l-aħħar emendat mill-Parlament Ewropew u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2700/2000 [4], għal perjodu ta' tliet xhur mid-detentur;

(5) Il-miżuri li hemm provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma klassifikati ġewwa n-Nomenklatura Magħquda skond il-kodiċijiet tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

L-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhihiex konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tkompli tintalab skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-24 t'Awissu 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 168, tat-23.6.2001, p. 6.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[4] ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kod iċi tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Preparazzjoni magħmula minn tadam polpa u meraq tat-tadam, li fih iż-żerriegħa, qxur u materjal tal-fibra tat-tadam Il-preparazzjoni, li għandha kontenut ta' materja niexfa ta' 7 % bħala toqol, tinkiseb billi jitgħaffeġ u jitneħħa t-tadam, u wara bi sterilizzazzjoni bis-sħana. Titqiegħed f'laned issiġillati ermetikament b'kontenut nett ta' 2 500 g	2002 90 11	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 2002, 2202 90 u 2002 90 11 Peress li t-tadam ta' din il-preparazzjoni la huma sħaħ u lanqas biċċiet, il-kodiċi tan-2002 10 NM mhux applikabbli
2. Preparazzjoni użata bħala bażi għall-manifattura ta' xorb mhux alkoħoliku u magħmula mis-sostanzi li ġejjin (perċentwali bħala toqol): — aċidu anhydrous phosphoric: 40 — sulphate ammonia caramel (E 150d): 30 — kafeina: 10 u ilma	3824 90 95	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 3824 3824 90 u 3824 90 95 Il-karamella preżenti f'din il-preparazzjoni hija karamella tal-kulur b'kontenut residwu ta' zokkor baxx ħafna u ma tittikielx bħala tali. Wara li jkun ikkunsidrat il-kontenut residwu ta' zokkor baxx ħafna, m'għandhiex valur ta' nutriment fis-sens tan-Nota 1 (b) tal-Kapitolu 38 u lanqas, għall-iskopijiet tan-Nota 1 (b) tal-Kapitolu 38, ma titqies bħala oġġett ta' l-ikel (ara n-Nota ta' Spjegazzjoni tal-HS tal-Kapitolu38, Ġenerali) Peress li din il-preparazzjoni la fiha ingredjenti b'valur ta' nutriment u lanqas oġġetti ta' l-ikel, ma tistax titqies bħala preparazzjoni ta' l-ikel skond l-intestatura Nru 2106 (ara n-Nota 1 (b) tal-Kapitolu 38 u n-Nota ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armoniżżata ta' l-intestatura Nru 2106, parti (B)) Ma tistax tkun ikkunsidrata, fis-sens tan-Nota 3 tal-Kapitolu 32, preparazzjoni bażi ta' materja ta' kulur skond l-intestatura 3203